C/2026/4126

27.7.2026

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

(C/2026/4126)

L-informazzjoni li ġejja tinġieb għall-informazzjoni tas-**Sur Khalil Ahmed Haqqani (alias (a) Khalil Al-Rahman Haqqani, (b) Khalil ur Rahman Haqqani, (c) Khaleel Haqqani), u s-Sur Abdul Rauf Zakir (psewdonimu Qari Zakir)**, persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK u l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan jew, fejn xieraq, il-werrieta tagħhom.

Fil-15 ta' April 2026, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni relatata mal-persuni msemmija hawn fuq. In-narrattivi sottostanti għal dawk l-aġġornamenti huma disponibbli fuq:

Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà Stabbilit Skont ir-Riżoluzzjoni 1988 (2011) Jemenda Tliet Entrati fil-Lista tas-Sanzjonijiet tiegħu | Kopertura tal-Laqgħat tan-NU u Stqarrijiet għall-Istampa

Fil-kuntest ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill biħsiebu jaġġorna l-entrati relatati mal-persuni msemmija hawn fuq fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011.

Kwalunkwe osservazzjoni li l-persuni kkonċernati jew, fejn xieraq, il-werrieta tagħhom, jixtiequ jippreżentaw għandha tiġi ppreżentata sal-**10 ta' Awwissu 2026** fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu